A.L. 15 ta' 2001

ATT LI JIREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' l-2001 biex Jirregola l-Pagi mill-Kunsill tal-Pagi għas-Settur li Jipprovdi Servizzi ta' Tindif

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi għas-Settur li jipprovdi Servizzi ta' Tindif, dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg ta' l-impjegati li dwarhom l-imsemmi Kunsill tal-Pagi jaħdem, għamel l-ordni li gej:–

Titolu, bidu fis-seħħ u applikazzjoni.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2001 biex Jirregola l-Pagi mill-Kunsill tal-Pagi għas-Settur li jipprovdi Servizzi ta' Tindif u għandu jibda jseħħ fl-1 ta' Frar, 2001.

(2) Id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dan l-Ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha li dwarhom il-Kunsill tal-Pagi għas-Settur li jipprovdu Servizzi ta' Tindif jaħdem.

Tifsir.

2. F'din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra–

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja, li tibda minn nhar ta' Tnejn;

"ġurnata" fil-każ ta' impjegati bix-*shift*, tfisser perjodu ta' 24 siegħa konsekuttivi; fil-każijiet l-oħra kollha, tfisser perjodu li jibda minn nofs il-lejl ta' ġurnata sa nofs il-lejl tal-ġurnata ta' wara;

"ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa" tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttivi li jibdew fil-ħin li fih l-impjegat normalment jibda t-*turn* tiegħu ta' xogħol;

"ħin-u-nofs" u "ħin doppju" jfissru rispettivament darba u nofs u darbtejn ir-rata minima tal-ħin applikabbli għall-impjegat;

"impjegat bix-*shift*" tfisser impjegat li jkun impjegat regolarment fuq bażi ta' ċiklu ta' *shift*;

"impjegat *part-time*" tfisser impjegat li mhux impjegat *whole-time*;

"impjegat *whole-time*" tfisser impjegat:–

(a) li jkun impjegat għal aktar minn 30 siegħa f'xi gimgħa, fil-każ ta' impjegati li ma jkunux għassiesa, u

(b) li jkun impjegat għal aktar minn 45 siegħa f'xi ġimgħa, fil-każ ta' għassiesa.

"paga" tfisser rimunerazzjoni jew qliegħ li jitħallas bi flus minn prinċipal lil impjegat;

"perjodu ta' impieg" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li matulu l-impjegati jkunu għad-dispożizzjoni tal-prinċipal, imma inklużi l-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"nofs ta' nhar" tfisser perjodu ta' tnax-il siegħa konsekuttivi li jispiċċa fis-1.00 p.m. jew fis-1.00 a.m.;

"*shift* ta' bil-lejl" tfisser kull perjodu ta' impieg li jinkludi s-sigħat mill-10.00p.m. ta' ġurnata sas-6.00a.m. tal-ġurnata ta' wara;

"sigħat ta' xogħol" tfisser il-ħin f'xi ġurnata li matulu l-impjegati jkunu għad-dispożizzjoni tal-prinċipal, eskluż l-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"vaganza tas-soltu" tfisser il-ġranet (barra mill-Ħdud) iddikjarati għal dak iż-żmien bħala btajjel pubbliċi skond jew taħt l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi ohra.

Kap. 252.

Sigħat ta' xogħol.

3. (1) L-inqas pagi fil-ġimgħa għall-impjegati *whole-time*, barra minn għassiesa għandhom ikunu relatati għal medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa kalkolati fuq perjodu ta' 13-il ġimgħa, iżda s-sigħat ta' xogħol ma' għandhomx jaqbżu l-45 siegħa f'xi ġimgħa waħda.

(2) L-inqas pagi fil-ġimgħa għal għassiesa għandhom ikunu relatati għal ġimgħa ta' mhux aktar minn 52-il siegħa.

L-anqas paga ta' impjegati *whole-time*.

4. (1) L-anqas paga fil-gimgħa għal impjegati *whole-time* għandha tkun din li ġejja:–

ta' 18-il sena jew fuqhom Lm49.88
ta' 17-il sena Lm46.97
taħt is-17-il sena .....Lm45.75.

(2) Fil-każ ta' ħaddiema bix-*shift*, kemm-il darba jekk kull *shift* ta' ġimgħa bil-lejl ma jkunx segwit minn *shift* ta' ġimgħa bi nhar, dak ix-*shift* ieħor jew dawk ix-*shifts* oħra ta' ġimgħa bil-lejl jintitolaw lill-impjegat għal rimunerazzjoni oħra li tammonta għal mhux anqas minn kwart tar-rata normali tal-paga tiegħu.

L-anqas rimunerazzjoni ta' impjegati *part-time*.

5. Impjegati *part-time* għandhom jitħallsu *pro rata* b'rata fis-siegħa ta' mhux inqas minn dik applikabbli għal impjegati *whole-time*, jiġifieri, ir-rata xierqa fil-ġimgħa li tidher fl-artiklu 4 ta' dan l-Ordni, diviża b'erbgħin.

L-anqas mistrieħ ta' kuljum.

6. L-impjegati *whole-time*, barra minn għassiesa, ikollhom permess għall-intervalli għall-ikel u għall-mistrieħ ta' mhux anqas, b'kollox, minn siegħa kuljum:

Iżda:–

(a) bla ħsara għad-dispożizzjoni tal-paragrafu (b) ta' dan il-proviso, l-intervall jew intervalli għandhom jingħataw wara l-ewwel u qabel l-aħħar siegħa tal-perjodu ta' l-impieg, u

(b) fejn l-aħħar nofs siegħa tal-perjodu ta' impieg tkun permessa bħala nofs siegħa ta' mistrieħ, l-impjegat ikun intitolat li jħalli l-post tax-xogħol malli tibda dik in-nofs siegħa.

L-anqas mistrieħ fil-ġimgħa.

7. L-impjegati *whole-time* jingħataw ġurnata mistrieħ f'kull perjodu ta' sebat ijiem konsekuttivi.

L-anqas rata għal sahra.

8. (1) Fil-każ ta' impjegati *whole-time*, barra minn impjegati bix-*shift* u għassiesa, is-sahra għandha titħallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn 12-il siegħa f'xi ġurnata ..... ħin-u-nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn 45 siegħa f'xi ġimgħa waħda ..... ħin-u-nofs;

(ċ) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa mifruxa fuq 13-il ġimgħa konsekuttivi ..... ħin-u-nofs;

(d) għall-ħin kollu li jinħadem fl-ewwel ġurnata ta' mistrieħ stabbilita minn qabel ..... ħin-u-nofs;

(e) għall-ħin kollu li jinħadem il-Ħadd, f'vaganza tas-soltu jew fit-tieni jew l-unika ġurnata ta' mistrieħ stabbilita minn qabel ..... ħin doppju.

(2) Fil-każ ta' impjegati bix-*shift*, is-sahra għandha tithallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn 12-il siegħa kuljum f'xi ġurnata ..... ħin-u-nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn 45 siegħa f'xi gimgħa waħda ..... ħin-u-nofs;

(ċ) għall-ħin kollu li jinħadem 'il fuq minn medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa mifruxa fuq 13-il ġimgħa konsekuttivi ..... ħin-u-nofs;

(d) għall-ħin kollu li jinħadem fl-ewwel ġurnata ta' mistrieħ stabbilita minn qabel ..... ħin-u-nofs;

(e) għall-ħin kollu li jinħadem fit-tieni jew l-unika ġurnata ta' mistrieħ stabbilita minn qabel ..... ħin doppju.

(3) Fil-każ ta' għassiesa, is-sahra tithallas kif ġej:

(a) għall-ħin kollu li jinħadem 'l fuq minn 52 siegħa f'xi ġimgħa ta' sitt ijiem konsekuttivi ..... ħin-u-nofs;

(b) għall-ħin kollu li jinħadem 'l fuq minn 9 sigħat f'xi ġurnata ..... ħin-u-nofs.

(4) B'dak kollu li hemm fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel ta' dan l-artiklu:–

(a) impjegati bix-*shift* ma jkunux intitolati għal ħin maħdum f'*shift* normali l-Ħadd jew f'xi vaganza tas-soltu;

(b) fil-każ ta' għassiesa, meta vaganza tas-soltu taħbat f'xi gimgħa bejn it-Tnejn u s-Sibt, is-sahra tithallas b'ħin u nofs għal xogħol 'l fuq minn 52 siegħa f'dik il-ġimgħa.

Vaganzi.

9. Il-jedd għal *leave* għal vaganza għandu jkun ta' erba' ġimgħat ta' xogħol u erbat ijiem flimkien mal-vaganzi tas-soltu kollha bi ħlas sħiħ.

Leave għal mard.

10. Wara sitt xhur servizz kontinwu, l-impjegati *whole-time* ikunu intitolati għal tnax-il gurnata *leave* għal mard b'paga sħiħa f'kull sena kalendarja bin-nuqqas ta' kull benefiċċju għal mard li għalih jistgħu jkunu intitolati skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u għal sitt ijiem

Kap. 318.

oħra *leave* għal mard b'nofs paga, bin-nuqqas ta' nofs kull benefiċċju għal mard li għalih jistgħu jkunu intitolati skond l-imsemmi Att, u f'kull każ għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal ċertifikat mediku li jiċċertifika inkapaċità għax-xogħol li jkopri l-perjodi tan-nuqqas.

11. Impjegat *whole-time* ikollu dritt għal massimu ta' sena *leave* għal korriment b'paga sħiħa, nieqes l-ammont sħiħ ta' kull benefiċċju għal korriment li għalih dak l-impjegat ikollu dritt skond l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jekk dak l-impjegat ikorri waqt il-qadi attwali ta' dmirijietu u dak il-korriment ma jkunx minħabba traskuraġni kontributorja minn naħa tiegħu jew minħabba ksur minnu ta' xi regoli dwar ħarsien mill-periklu stabbiliti mill-*Management*. *Leave* għal korriment.

12. Wara tliet xhur fl-impieg impjegat *whole-time* jingħata tliet ijiem *leave* b'paga sħiħa fl-okkażjoni taż-żwieġ tiegħu u ġurnata *leave* b'paga sħiħa fl-okkażjoni ta' twelid ta' tarbija lil martu. *Leave* speċjali.

13. Impjegati *whole-time* li jiġu msejħa għal servizz ta' ġurati jingħataw iż-żmien kollu meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jattendu għal dak is-servizz fil-Qorti mingħajr ma jitilfu ebda paga. Servizz ta' ġurat.

14. Impjegati *whole-time* jkollhom jumejn *leave* bil-ħlas fl-okkażjoni tal-mewt ta' xi ħadd mill-qraba li ġejjin: il-mara, ir-raġel, il-missier, l-omm (jew il-persuna li f'dak iż-żmien kienet fil-fatt qiegħda tagħmilha ta' missier jew omm l-impjegat), ibnu, bintu, ħuh jew oħtu. *Leave* minħabba luttu.

15. Impjegat ikun intitolat għall-ħlas ta' l-inqas paga applikabbli għalih għall-ħin kollu matulu preżenti fil-post tal-prinċipali tiegħu jew x'imkien ieħor ħlief meta jkun preżenti hemmhekk f'xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin: Ħin ta' stennija.

(a) mingħajr il-kunsens tal-prinċipal, imfisser jew mifhum;

(b) għal xi skop li m'għandux x'jaqsam max-xogħol tiegħu u barra minn dak li jistenna li jingħatalu xogħol x'jagħmel;

(ċ) għar-raġuni biss li huwa jkun residenti hemmhekk;

(d) matul il-ħinijiet normali ta' l-ikel f'kamra jew f'post fejn ma jkunx qiegħed isir xogħol, u ma jkunx qiegħed jistenna li jingħatalu x'jagħmel.

16. F'każijiet fejn impjegat raġel ikun mistenni jirtira mix-xogħol fl-età ta' 60 sena, dak l-impjegat għandu jingħata l-opportunità minn min iħaddmu biex jibqa' fl-impieg tiegħu 'l fuq minn din l-età u ta' l-anqas sakemm jilħaq l-età ta' 61 sena, iżda dak l-impjegat raġel xorta għandu jitħalla, jekk huwa hekk ikun irid, li jirtira fl-età ta' 60 sena. Età ta' irtirar.